~~Ħwetat u qalilhom: "Aħna għandna l-jedd kollu li noqtlukom; imma kunu afu lj għal Beni-Sahar aktar għażiż il-ġieħ inkella d-demm. Il-ħobż li kiltu minn għandna ħeliskom, morru bis-sliema!"~~

~~U b'dan l-kliem il-mibegħda ta' bejn il-Ħwetat u Beni-Sahar, dabet. Id-demm imxerred fl-mgħoddi ntesa. U ż-żewġ ħamuliet: tal-Ħwetat u Beni-Sahar l-aqwa u l-eħrex tat-Transġordanja, saru ħbieb u jgħożżu lil xulxin bħal aħwa. U hekk għadhom sal-lum.~~

~~P. Narcissu Cecchitelli O.F.M.~~

# IR-REĠISTRI TA' CASA NOVA

Lewwel ħaġa li għandna ngħidu, xi tkun "Casa Nova". Għax hawn kotra kbira ta' nies li ma jafux x'inhi.

"Casa Nova" tkun bħal lukanda, miżmuma mill-Franġiskani tal-Qabar ta' Kristu, fil-Palestina, li kull Nisrani Kattolku li jmur hemm, jista' joqgħod fiha għal tliett ijiem, jiekol u jixrob u jorqod mingħajr ma jħallas flus. U fil-Palestina m'hux "Casa Nova" waħda biss hemm, imma waħda f'kull raħal jew belt fejn hemm l-Imkejjen Imqaddsa. Hemm "Casa Nova" kbira ħafna f'Ġerusalem; hemm oħra Ġaffa; oħra Betlehem, oħra Għajn Karem, oħra Emmaus u oħra Nazaret; imbagħad hemm Ospizju, bħal "Casa Nova" żgħira: Tabarija, Kafar-Naħum, Kana tal-Galilija, fuq it-Tabor u f'ħafna mkejjen oħrajn. Bħal ma għedna qabel, dak li jkun jista' joqgħod tliett ijiem f'kull waħda minn dawn.

"Imma kif toqgħod hemm u ma tħallas xejn?" Isaqsi xi ħadd. "Il-Franġiskani jridu l-flus biex jixtru l-ikel u x-xorb u s-sodod, u biex iħallsu lil ħaddiema."

Hekk hu, mitt darba u elf; imma inti taf, li drabi nhar ta' Ħadd fil-knisja tal-Parroċċa jiġi Patri Franġiskan "Ta' Ġieżu", jiġbor għal Qabar ta' Kristu. Dan isir fil-pajjiżi Insara kollha; dawk il-flus li jinġabru, jinbagħtu Ġerusalem, u minnhom jitħallsu n-nefqiet kollha li jagħmlu l-Franġiskani, sewwa biex iżommu kif jixraq l-Imkejjen Imqaddsa — bħall-Għar ta' Betlehem, id-Dar tal-Madonna f'Nazaret, il-Qabar ta' Kristu f'Ġerusalem u ħafna oħrajn — u wkoll in-nefqiet ta' "Casa Nova". Għal hekk, il-Franġiskani, min joqgħod fil-"Casa Nova", jew Lukanda tagħhom, jekk jagħtihom xi ħaġa jeħduha; imma jekk ma jagħtihomx, ma jitolbuhx. Għax "Casa Nova" hija miżmuma mill-flus tal-Insara. Meta inti tagħti xi ħaġa lil dak ir-Raħeb tat-"Terra Santa", tkun qiegħed tagħti għal dawk in-nefqiet.

Mela, f'kull "Casa Nova" hemm sala b'ħafna siġġijiet fejn in-nies jistgħu joqogħdu flimkien jitħaddtu; u hemmekk fuq mejda jkun hemm reġistru, biex dawk li jżuru l-Palestina, qabel ma jitilqu, jiktbu isimhom, u jekk iridu, xi żewġ kelmiet miegħu wkoll. Hawn sa nsemmu biss ir-reġistru ta' "Casa Nova" ta' Ġerusalem.

Fir-reġistru ta' "Casa Nova" ta' Ġerusalem jinsabu ismijiet ta' nies magħrufa fl-istorja ta' żminijietna; ismijiet ta' Rejjiet, ta' Prinċpijiet, ta' Ġenerali, ta' Duki, ta' Kardinali, Isqfijiet u Qassisin, ta' nies tas-suq; ta' Sorijiet u wkoll ta' nies foqra li ma tiġihomx bi kbira li jiktbu li ż-żjara tagħhom f'Ġerusalem ħallsuha bi snin ta' tiġmiegħ u tqanċiċ, u tilqit u nuqqasijiet ta' ħwejjeġ meħtieġa.




Ismijiet ta' nies magħrufa fir-Reġistru ta' Casa Nova ta' Ġerusalem: 1. Ir-Re Alfonso XIII ta' Spanja u d-Duka ta' Miranda; 2. De Valera u l-familja; 3. Ir-Re Għabd-Allaħ tal-Ġordanja; 4. Il-Prinċep Umberto tal-Italja; 5. Ir-Re u r-Reġina tal-Belġju.

F'dar-reġistru hemm kitba ta' min jaf tajjeb iħaddem il-pinna u ta' oħrajn li ftit jafu jiktbu, li saħansitra jagħmlu għaltiet tal-ortografija. Hemm kitbiet twal, ta' faċċata sħiħa, ta' xi wieħed mill-Amerka t'Isfel, li għalih kollox huwa "hermoso" (jiġifieri "sabiħ") u hemm kitbiet ta' Ingliżi u Amerikani, li ma fihomx ħlief kelma waħda: "Thank you!" u warajha l-isem. Fih ukoll kitba b'kull xorta ta' lsien: Għarbi, Ċiniż, Taljan u Ingliż; Franċiż, Ġermaniż u Spanjol. Kitba ħoxna, kitba rqiqa, kitba wieqfa jew immejla; dritta jew imgħawġa, sabiħa jew kerha, ċara jew kemm-kemm tinqara. F' kelma waħda, hemm kull xorta ta' kitba li turi l-karattru ta' min kitibha.

Qishom iż-żawwara kollha jfaħħru l-imġieba ħelwa tad-Direttur ta' "Casa Nova" taż-żmien li kienu fiha huma, u wħud ukoll tal-ħaddiema li kienu jaqduhom. Hemm kemm-il wieħed li jfaħħar ukoll lil-Franġiskan li dawwarhom l-Imkejjen Imqaddsa; it-Taljani jsemmu lil P. Nunzio del Vecchio, il-Franċiżi lil P. Paul Cheneau u l-Ġermaniżi u l-Belġjani lil P. Albert Rittner. Fost id-Diretturi jissemma P. Michieli, u warajh P. Antonio Gassi, u wara dan P. Teofilo Bellorini, li miet ftit ilu f'Ġerusalem. Milli jidher l-imġiba tajba tad-Direttur kienet tintiret minn dak li jiġi warajh, sewwa jekk imut, u sewwa jekk jibqa' ħaj u jingħatalu xogħol ieħor.

Fid-19 ta' Novembru 1910 waħda mara Spanjola kitbet: "Ja Ġerusalem, fik jinsab il-Qabar l-aktar imfaħħar tad-dinja. Il-Qabar li jinsab fik, fih ittama tal-qawma tiegħi. Sa nħallik, ja Ġerusalem! Sa nħallik, sa kemm narġa' narak, meta niġi fil-Wied ta' Ġosafat, quddiem l-Imħallef tas-Sewwa".

Mara oħra Franċiża kitbet taqbila ta' erba' versi qosra, li fihom tiżżi ħajr lil-Franġiskani tal-jiem ħienja li għaddiet "Casa Nova". Mit-taqbila ta' dilmara Franċiża ittieħdu wkoll nies oħrajn, għax warajha jinsabu taqbiliet oħra bl-Ispanjol, bil-Polakk u bl-Ungeriż, fejn bħalha jfissru l-hena li ħassew fiż-żmien li damu fl-Art Imqaddsa, u kemm jibqgħu jafuhulhom lil Franġiskani.

Fl-4 ta' Mejju il-magħruf Duhamel li żar l-Art Imqaddsa mal-familja tiegħu u qagħad f'"Casa Nova", kiteb tiżżija ta' ħajr lil P. Cheneau tal-ħsieb li ħa tagħhom kemm damu Ġerusalem.

Fit-23 ta' Mejju ta' dik is-sena, wieħed ieħor, is-sur Gauci, li kien ġie jżur lil Ġerusalem minn Lixandra, kiteb dawn il-kelmiet qosra: "Faqar għalihom infushom, u karità għall-oħrajn: din hija l-ħajja tal-Franġiskani. Nіżżi ħajr lil kull ħadd u b'sogħba kbira sa nħalli l-Imkejjen Imqaddsa!" Eugenio Brunetti, li sar Ġerusalem f'Ġunju tassena 1924, kiteb hekk: "It-tjieba hi ħaġa tas-sema, u lejn is-sema qarrbuni l-Ulied qalbiena ta' San Franġisk!"

Wieħed li kien dineb xi dnub kbir(1) u mar Ġerusalem biex jagħmel it-tewba tiegħu, kiteb hekk: "Imkejjen Imqaddsa! Kelli x-xorti li nintafa' b'wiċċi fl-art fuq il-ħaġar tagħkom, u hemm ħallejt id-dmugħ, id-dell, u t-toqol taddnub tiegħi. It-tifkira tagħkom tmexxini, msoffi, mat-toroq tal-ħajja, u ġġiegħelni nsib fiha l-Bniedem Ġdid, għalkemm ma kenitx tistħoqqli din il-ħniena!"

Fost it-tiżżija ta' ħajr stqarrijiet u xewqat tajba, drabi hemm ukoll xi ftit tal-frugħa. Wieħed raġel ta' l-armata, mal-isem tiegħu, iżid ukoll il-me-

(1) Kif kien xieraq, il-kittieb ma qalx min kien dan il-midneb; imma billi hu magħruf li Bruno Cornacchiola, li ried joqtol il-Papa Piju XII żar Ġerusalem wara li biddel ħajtu, donnu jagħtik taħseb li kien hu.

dalji li kellu, u l-ġrajjiet li fihom rebaħhom, Taħt kliemu, raġel ieħor kiteb il-kliem tal-Evanġelju: "Itgħallmu minni, għax jien saflieni!" u ieħor kiteb: "Min hu bla ħtija, jixħet l-ewwel ħaġra!"

Ebda wieħed jew waħda miż-żawwara ma kitbu li fil-mawra tagħhom fl-Art Imqaddsa ma sabux dik il-hena tarruħ li ħasbu li sa jsibu. M'hux dan biss, imma għal kemm il-wieħed iż-żjara tal-Imkejjen Imqaddsa kienet tmiem ta' ħajja mxerrda u bidu ta' ħajja tajba. Il-koll juru qima għax-xogħol tar-Rħieb Franġiskani u jfaħħru l-laqgħa li sabu kull imkien tistennihom.

Kieku l-Viskonti Chateaubriand meta mar Ġerusalem(2) qagħad fil-"Casa Nova", kien jikteb fir-reġistru tagħha dak li wara kiteb fil-ktieb tiegħu msemmi "Xerq in-Nofsani" li l-Franġiskani ta' l-Art Imqaddsa għandhom dejjem u għal kull ħadd: "qalb safja u nadifa!"

Ignazio Mancini

---

(2) Meta l-kbir Chateaubriand żar lil Ġerusalem, kien Kustodju tat-Terra Santa Patri Salv Vassallo, Malti, mir-Rabat. Chateaubriand għamel ħbieb wisq ma' Patri Salv fiż-żmien li għadda Ġerusalem, u kien ġej u sejjer jgħaddi ftit taż-żmien jitħaddet miegħu. Dak iż-żmien il-Provinċja ta' Malta kienet tagħmel ma' ta' Val di Noto, Paliermu; għal hekk Patri Malti kien jista' jsir Kustodju tat-Terra Santa, li jrid ikun dejjem Taljan. Il-lum ma jistax, għax il-Provinċja ta' Malta maqtugħa minn tal-Italja.

(Noti tal-Editur)

---

IT-TIENI TAQSIMA — IMĦABBA

# SAN KONONU MARTRI

## QARIB TA' SIDNA ĠESU' KRISTU

(Fis-sena 1898, wieħed għaref Grieg, jismu Papadopoulos Kherameos, fi ktieb jismu "Analekta Ierosolymitikhe Staxyologiae" xandar il-Passjoni ta' San Kononu, li l-Martirju tiegħu ġara fi żmien Deċju, fis-sena 249, f'Panfilja, fl-Asja ż-Żgħira. Dan il-qaddis sa dak iż-żmien ftit wisq kien magħruf, għal hekk b'din il-kitba żdied xi ftit it-tagħrif li kien tagħa Ewsebju ta' Kajsarija fuq il-Qraba ta' Kristu. U la darba San Kononu kien minn Nazaret u dam ħaj sas-sena 249, ma setax jintesa l-imkien fejn kienet id-dar tal-Madonna. Għal hekk dil-kitba għall-Art Imqaddsa għandha hemma kbira. Il-kitba bil-Malti, hija din li ġejja).

Mulej, Beriknа!

1. Ikolli narġa' nikteb fuq id-Din il-ħażin! Wara li nqatlu l-Qaddisin Xhieda ta' Kristu: Papija, Dijodoru u Klawdjanu, is-Sultan daħal fil-belt ta' Magedon u għammar fil-Maqdes ta' Jovis. Hemm ukoll fittex li jħarrek għal ħaqq tiegħu lil dawk li kienu jgħammru f'dik il-belt, u għal dan bagħat lil wieħed widdien iwedden fit-toroq. Dawk li semgħu kliem il-widdien għamlu sewwa li ħarbu mill-belt u ħallew kollox warajhom, biex joqogħdu fil-belt weħedhom is-sultan il-ħażin u dawk li jisimgħu minnu. Imma hu bagħat nies fil-qrib tal-belt biex ifittxu kull imkien u kull dar biex isibu lil xi ħadd. Dawk li bagħat reġgħu ġew u ħabbruh li ħadd ma kien insab, u lanqas fid-djar anqas fir-raba.

2. Imbagħad wieħed raġel jismu Nedoru u ieħor jismu Apelli, li kien rajjes tal-belt, u ieħor jismu Neokoru, li kellu hu wkoll ġewwa fih il-ħażen tal-allat, talab lis-sultan biex jagħtih il-